**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 255/2017

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**Spettur Elliot Magro**

**Vs**

**Alfred Coppola**

**Frederick Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Coppola, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 402360M, u l-appellant Frederick Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 716456M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fit-30 ta' Dicembru, 2015, u fil-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, bl-imgieba taghhom gabu ruhhom b'tali mod li taw fastidju lil Mario Xuereb, Clayton Mizzi u Anthony Martin Mizzi, meta kienu jafu, jew messhom li jkunu jafu, li dan l-agir kien ta' fastidju lill-imsemmija persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 251(A)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hi mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offizi u l-familjari taghhom, *ai termini* tal-Artikoli 383, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberathom bil-kondizzjoni li ma jwettqux reat iehor fi zmien tlett snin.

*Inoltre*, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hatja, Frederick Attard u Alfred Coppola, b'garanzija personali taghhom nnifishom ghall-favur ta' Mario Xuereb, Anthony Martin Mizzi u Clayton Mizzi, taht penali ta' elf Ewro (€1,000) kull wiehed ghal zmien sena, sabiex izommu l-kwiet maghhom, fis-sens li ma jdejquhomx. Dan m'ghandux jinftiehem li jekk l-imputati jridu jissalvagwardjaw xi dritt taghhom ma jistghux jaghmluh, izda jfisser li dan ikun irid isir fil-parametri tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Coppola u Frederick Attard, ipprezentat, fil-5 ta' Mejju, 2017, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2017, billi tirrevokaha in kwantu sabithom hatja tal-akkuza kif migjuba kontrihom, u konsegwentement tilliberahom minn kull piena u htija skont il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitolbu li tigi mposta piena iktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Alfred Coppola u Frederick Attard huma s-segwenti w *cioe'*:-

1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt *li tiehu r-ritratti kontinwament, li tiehu r-ritratti tal-klijenti u li sahansitra jittellghu r-ritratti fuq Facebook hija kwistjoni ohra. Partikolarment, li tiehu b'mod ripetut ritratti meta jaraw il-klijenti u kif ukoll li ttella' r-ritratti fuq Facebook, juru li l-intenzjoni mhux sempliciment ta' salvagwardja ta' dritt izda ntenzjoni biex verament taghti fastidju u taghmel hsara lill-individwu.*

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza '***Il-Pulizija vs Raymond Parnis***' fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi l-appellanti jissottomettu, umilment, li l-agir taghhom jista' jaqa' biss fil-parametri tal-Artikolu 251A, *stante* li fl-ebda hin l-agir taghhom ma kien wiehed li johloq biza' li ser tintuza vjolenza *ai termini* tal-Artikolu 251B, jew li l-agir taghhom jista' jaghti qatgha *ai termini* tal-Artikolu 251C.

Illi giet citata wkoll is-sentenza '***Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini***' (26.2.2009), fejn it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz *harassment*) gie definit mill-*Black's Law Dictionary – (7th. Edit.)* bhala:- '*Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person; annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*'.

Illi l-appellanti jissottomettu li l-Ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha fuq il-fatt li l-appellanti, ripetutament, hadu ritratti u hadu notamenti dwar dak li kienu qed jaghmlu Mizzi u Xuereb, li fil-fehma taghhom kien agir illegali.

Illi l-appellanti jissottomettu li l-ligi titlob zewg elementi meta tindirizza l-kwistjoni ta' fastidju, *ossia* l-azzjoni ripetuta u li din ma twassal ghal ebda skop legittimu – illi din tal-ahhar giet totalment skartata mill-Ewwel Qorti.

Illi tant hu minnu dan il-fatt, li l-Ewwel Qorti, fil-konkluzjoni tas-sentenza taghha, taghmel accenn li l-appellanti xorta ghandhom id-dritt, li *dan m'ghandux jinftiehem li jekk l-imputati jridu jissalvagwardjaw xi dritt taghhom ma jistghux jaghmluh, izda jfisser li dan ikun irid isir fil-parametri tal-ligi,* u ghalhekk, id-domanda hija wahda ta' obbligu - kif jistghu l-esponenti jissalvagwardjaw il-pozizzjoni taghhom fil-parametri tal-ligi meta huma gabru provi f'diversi okkazzjonijiet u f'diversi granet biex juru kif b'mod kontinwu, Mizzi u Xuereb, kisru l-ligi? L-appellanti qatt ma tkellmu ma' Mizzi u Xuereb u qatt ma ghamlu azzjoni fizika jew vjolenti fil-konfront ta' dawn.

Illi l-akkuza in dezamina tirrigwarda mhux gurnata partikolari, izda granet differenti, *ossia* rapporti fit-30 ta' Dicembru, 2015, u fil-jiem ta' qabel, l-appellanti ghamlu rapport fis-segwenti granet, *ossia* 22.07.15, 15.12.15, 30.12.15, 01.02.16 u 10.12.16 ghal kull darba li hassew li kienet qed issir ksur ta' ligi.

Illi fil-kaz in kwistjoni, l-Ewwel Qorti qed tibghat messagg zbaljat li jekk wiehed jigbor evidenza qed jaghmel hazin, meta dan hu kompletament zbaljat. Li kieku l-appellanti kienu qeghdin ikellmu w jaghtu fastidju lil Mizzi u Xuereb, jew sahansitra kienu qeghdin ifixklu, jew jaghmlu ostakoli, jew juzaw vjolenza, dan kien ikun certament kundannabli. Izda l-fatt li jiehdu ritratti qatt ma jista' jitqies li huwa *harassment* li jikser id-dispozizzjonijiet tal-ligi.

2. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria: '*... che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...*', l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena nflitta kienet eccessiva.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti hassewhom aggravati bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghaliex huma tal-fehma li l-agir taghhom ma kienx jammonta ghal fastidju li titkellem dwarha il-ligi fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali billi dak li kienu qed jaghmlu kien biss mezz biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom skont il-ligi u jigbru evidenza tal-agir illegali li kien qed jigi kommess mill-parti civili fil-kors tan-negozju taghhom u li kien qed jikkawzalhom pregudizzju. Illi allura ghalkemm ma hux kontestat illi l-att materjali jirrizulta u cioe' mhux qed jigu ikkontestati l-azzjonijiet kommessi fuq bazi regolari mill-appellanti meta kienu jiehdu ritratti u itellghom sahansitra fuq il-*facebook* ta' dak li kien qed jigri, madanakollu dan l-agir fil-fehma taghhom ma jistax jikkostitwixxi l-infrazzjoni li kellu f'mohhu l-legislatur meta fassal ir-reat tal-fastidju fl-artikolu 251A.

Illi l-akkuza addebitata lill-appellanti hija dik tal-fastidju kif mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 kif kien applikabbli fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, li kien jaqra:

**(1) Persuna li ġġib ruħha:**
**(a) B'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u**
**(b) B'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,**

**Tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.**

**(2) Għal fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qedgħa ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta'**

**persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.**

**(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:**
**(a) L-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi dellitt; jew**
**(b) L-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonferma ruħha ma xi kundizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew**
**(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari l-imġieba kienet waħda raġonevoli;**

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.

**"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**

**'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and Anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable**

**Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[1]"**

[1] App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

> **"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[2].**

Illi l-Ewwel Qorti taghmel referenza b'mod estensiv ghad-decizjoni moghtija fil-kawzi: Il-Pulizija vs Raymond Parnis u l-Pulizija vs Massimo Tivisin, li din il-Qorti, a skans ta' repetizzjoni, qed taghmilhom taghha.

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza mill-gdid sabiex tistharreg jekk l-imgieba tal-gudikabbli, u li allura kienu qeghdin jilmentaw minnu l-parti leza, kenitx tammonta ghall-'fastidju' li titkellem dwarha l-ligi. Illi huwa indubitat illi sabiex jilhqu l-ghan taghhom li irazznu dak li fil-fehma tal-appellanti kien jikkostitwixxi illegalita' kommessa mill-parti civile fil-kors tan-negozju gestit minnhom fl-istess

[2] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini

triq fejn kienu jirrisjedu l-appellanti, dawn tal-ahhar kienu jitlajjaw gewwa Triq l-Orsolini u jiehdu r-ritratti filwaqt li l-parti leza jkunu fuq xogħolhom. Il-parte civile Xuereb jispjega li għandu kumpanija tal-catering bl-isem Stival Wholesale Caterers filwaqt li Anthony Mizzi huwa tellar u għandu garaxx illiċenzjat bl-isem Statesman Garage. Jilmentaw illi l-appellanti kienu qedgħin il-ħin kollu jiġru warajhom bil-kameras u joħdulhom ritratti u jipprovokawhom b'tali mod illi jiffastidjawhom. Dan l-aġir kien qed ikun detrimentali għal intrapriżi tagħhom peress li kienu qedgħin jagħmlulhom riklam ħażin u kien qed inaqqas il-fiduċja tal-klijenti taghhom lejhom anki minħabba biża' li jispiccaw involuti f'xi kawża inutilment. Meta l-pulizija tkellmu mal-appellanti dawn semmewlhom xi kontravenzjonijiet li huma allegaw li raw b'għajnejhom u li filfatt ġew investigati, filwaqt illi Coppola allega wkoll illi kien qed iħoss vibrazzjonijiet fid-dar tiegħu li rrealizza li kienu ġejjin mill-garaxx ta' Mizzi filwaqt li dan kien qed jaħdem fuq vann abjad. Huma marru biex jiġbdu xi ritratti ta' dak li kien qed isir u l-parti leza Mizzi ħareġ għalihom fejn qalilhom biex ma jiġbdux ritratti filwaqt illi heddidhom illi fin-nuqqas kien ser jaghtihom daqqa ta' karozza. Clayton Mizzi, jallegaw l-appellanti, uża wkoll kliem insolenti fil-konfront tagħhom.

Jidher izda li dan l-agir fil-konfront tal-kwerelanti mill-appellanti baqa' jippersisti bil-gbid ta' filmat u ritratti. Illi imbaghad mix-xiehda ta' Keith Tanti u Joseph Grixti li wkoll għandhom negozju fi Triq l-Orsolini jirrizulta illi dawn ilmentaw dwar aġir simili tal-appellanti fil-konfront taghhom. Meta l-appellanti ddeponew quddiem l-ewwel Qorti huma ma ċaħdux li kienu ħadu xi ritratti iżda taw l-impressjoni illi dak li għamlu, għamluħ sabiex ikollhom prova ta' kummissjoni ta' kontravenzjonijiet jew ta' aġir illegali iehor.

Ikkunsidrat:

Illi jidher illi l-appellanti fl-appell minnhom intentat ighidu illi l-agir taghhom kien necessitat mill-bzonn li huma jipproteġu l-interessi tagħhom fid-dawl tal-fatt illi kienu qedgħin isiru illegalitajiet da parti tal-kwerelanti fil-kors tan-negozji gestiti minnhom u li lilhom kienu qed jirrekawlhom pregudizzju. Jilmentaw ukoll illi l-ewwel Qorti erronjament rriferiet għas-sentenza Il-Pulizija kontra Raymond Parnis

billi din kienet titratta r-reat ravviżat fl-artikolu 251B u mhux 251A u allura ma kellux isib applikazzjoni ghal dan il-kaz.

Illi jibda biex jinghad illi jekk l-appellanti kienu tal-fehma illi kienu qed isehhu xi nfrazjonijiet tal-ligi fit-triq fejn jirrisjedu, huma kellhom jirrappurtaw dawn il-fatti lill-awtorijatiet ikkoncernanti u skont il-ligi u mhux jiddeciedu li jaghmluha ta' investigaturi privati jew pulizija u jigbru l-evidenza huma stess. B'dan il-mod huma kienu qed jivvessaw mhux biss lil parti leza, izda ukoll lill-klijenti taghhom li ghandhom il-jedd li jigu mharsa minn kull invazjoni tal-privatezza taghhom. Huwa evidenti allura illi l-aġir tal-appellanti kien wieħed eċċessiv u jmur lil hinn mill-interess tagħhom bħala ċittadini biex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom jew sabiex jikxfu delitt jew jipprevjenu milli delitt jiġi komess. Dan huwa aktar evidenti fid-dawl tal-fatt illi l-kwerelanti kienu qed josservaw l-liġi fil-kors tan-negozju taghhom u kwindi ma kienu qed jikkomettu l-ebda reat. Illi kif ġie kkonfermat mix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni, n-negozju li kien u li baqa' jsir minnhom kien jeżisti minn qabel mal-appellanti marru jgħixu fit-triq in kwistjoni. Mhux biss izda ghalkemm l-appellanti rrapurtaw lill-kwerelanti diversi drabi fejn l-pulizija investigat l-ilment taghhom, madankollu huma xortawahda baqghu jippersistu fl-aġir tagħhom.

Fil-fehma ukoll ta' din il-Qorti r-ritratti li ttieħdu tal-klijenti tal-kwerelanti u dawk li ġew imxandra fuq il-mezzi tas-*social media* b'persistenza, u l-kontenut ta' dawn ir-ritratti, evidentement ma ttieħdux sabiex l-appellanti jipproteġu l-posizzjoni tagħhom iżda sempliċiment sabiex jiffastidjaw lill-appellanti u jurtawhom bil-ghan li iwassluhom sal-punt illi jwaqqfu n-negozju tagħhom. Ukoll huwa evidenti mix-xhieda tal-prosekuzzjoni illi l-komportament eċċessiv u ripetut tal-appellanti kien wieħed li holoq fatsidju lill-parti leza u li anki affetwatilhom il-kors normali ta' ħajjithom fuq il-lant tax-xogħol. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi s-sejbien ta' ħtija tal-appellanti ghar-reat addebitat fil-konfront tagħhom għandu jiġi kkonfermat minnHa.

Ikkunsidrat:

Illi magħdud dan kollu jifdal biss l-aħħar gravam imressaq *in subsiduum* għall-ewwel aggravju, li jikkonċerna l-piena imposta u li fil-fehma tal-appellanti hija waħda eċċessiva. Illi jinghad minnufih illi dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh meta jitqies illi l-Ewwel Qorti kienet miti ferm meta giet biex teroga piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija jew l-imposizzjoni ta' multa u minflok ghaddiet ghal liberazzjoni kondizzjonata taghhom. L-ghan wara il-piena imposta mill-Ewwel Qorti jidher li ma kienx ta' imposizzjoni ta' kastig, izda l-appellanti inghataw l-opportunita' li jrazznu l-imgieba taghha, fehma li din il-Qorti tikkondividi u ma tarax li ghandha tigi mibdula.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bit-terminu ta' sena impost taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali kif ukoll it-terminu ta' tlett snin ta' liberta kondizzjonata ghandhom jibdew jidekorri mil-lum.

Edwina Grima

Imhallef